MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Numru 768/2008

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Paul Magro

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 492273M akkuzat talli:

(1) fit-13 ta' Awissu 2008 ghal habta tad-9.00 ta' filghaxija minn gewwa c-Cerviola Hotel li jinsab fi Triq il-Qaliet, Marsascala, ikkommetta serq ta' 130 ewro ghad-dannu ta' Tyrone Pisani u jew ta' persuna ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin;
(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara f'kaxxa tal-loghob ta' ghamla 'Manhattan', liema hsara hija anqas minn 116.47 ewro ghad-dannu ta' Tyrone Pisani;
(3) kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D datata 29 ta' Gunju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel u dan bi ksur tal-Artikolu 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni tipprospetta wkoll s-serq.

Dan jirrisulta univokament mix-xhieda li offriet il-prosekuzzjoni waqt is-smigh tal-kawza. Ghal dan is-serq, li kien jikkonsisti f'serq ta' flus minn magna tal-loghob, huwa responsabbli l-imputat. Dwar dan m'hemmx dubbju anka mill-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu fl-udjenza tal-14 ta' Frar ta' din is-sena. F'dik l-udjenza il-prosekuzzjoni irtirat it-tielet akkuza stante li s-sentenza sospiza hemm indikata moghtija kontra l-imputat gja ittiehdet in konsiderazzjoni mill-Qorti diversament preseduta.

Dwar il-piena:

Jirrisulta li s-serqa kienet tikkonsisti f'mija u tletin ewro fi flus; jidher wkoll li l-imputat kellu problema ta' droga u

minhabba f'hekk kien tpogga taht ordni ta' supervizjoni b'sentenza ta' Gunju 2008; appena xahar wara l-imputat ikkommetta din is-serqa li indipendentement mill-ammont u r-raguni ghaliex twettqet, xorta tibqa' serqa; di piu gew ikkawzati danni konsegwenza taghha li jistghu jigu likwidati ghal finijiet ta' din is-sentenza fl-ammont massimu ta' 116.47 ewro.

Intqal dan, tiddecidi:

Li issib u tiddikjara htija fl-imputat tal-ewwel u t-tieni akkuza. Tieqaf mill-tiehu konjizzjoni tat-tielet. Rat l-Artikolu 261(c), 267, 279(b), 325(c) u 17(h) tal-Kap 9. Ghal din id-darba hi tal-fehma li tista tadotta kontra l-imputat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggih taht il-harsien ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum..

Fl-ahharnett tikkundannah ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 li jhallas l-ispejjes tal-espert nominat fil-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------